

# L-Omm Meqjuma



*Minn Tony Terribile*

Il-qima lejn Marija Immakulata hi qadima ħafna, tant hu hekk li fl-inħawi tal-Lvant din il-qima kienet diġa' qawwija ħafna fis-seklu ħamsa. Fl-inħawi tal-Punent din il-qima daħlet fis-seklu disgħa u fi żmien qasir din ġriet ma' kullimkien.

Fl-Ingilterra din id-devozzjoni sabet art tajba billi San Anselmo ta' Canterbury kien wieħed mid-difensuri kbar ta' din id-devozzjoni u permezz t'hekk din il-festa daħlet f'artijiet oħra bħalma kienu Franza u l-Ġermanja. Min-naħa l-oħra l-patrijiet Franġiskani komplew xerrdu u kabbru din id-devozzjoni, kemm hu hekk fil-kapitlu ġenerali li kien sar f'Pisa fl-1263, San Bonaventura daħħal iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa ma' l-Ordni kollu u fl-1476, meta Franġiskan ieħor laħaq Papa bl-isem ta' Sistu erbgħa, daħħal iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa madwar id-dinja kollha. L-iskola tat-tagħlim Franġiskan, immexxija minn John Duns, kompliet xerrdet u ddefendiet madwar id-dinja kollha li tabilħaqq il-Madonna twieldet mingħajr id-dnub oriġinali.

Ordnijiet reliġjużi oħra komplew taw is-sehem tagħhom biex din il-festa tkompli tinxtered mad-dinja. Hekk għamlu l-Karmelitani fl-1306 u fl-1335 għamlu l-istess l-Certosini u fl-1394 daħħluha d-Dumnikani. Din id-devozzjoni fl-ordnijiet religjużi kienet rejazzjoni kontra xi teoloġi li ma' riedux jaċċettaw dan il-privileġġ tal-Madonna, iżda fis-seklu erbatax din il-festa reġgħet qabdet sew u saret universali.

Fil-gżejjer tagħna, il-qima lejn Marija Immakulata daħlet ukoll meta kienet għadha fil-bidu tagħha, iżda f'xi nħawi oħra din kienet magħrufa bħala "Tas-Sokkors". Kemm hu hekk meta fl-1575 Monsinjur Pietru Duzina żar lil dawn il-gżejjer, hu sab żewġ knejjes f'ġieh il-Madonna tas-Sokkors, waħda f'Bormla u l-oħra fid-daħla ta' l-Imsida u li kienet tagħmel parti mill-Parroċċa ta' birkirkara fil-waqt li fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ kien hemm artal. Lejn tmiem is-seklu sittax, l-artali tal-Madonna tas-Sokkors żdiedu fil-gżejjer tagħna għalex twaqqfu artali fil-katidral ta' l-Imdina, f'San Pawl ir-Rabat, f'Ħal Qormi u fiż-Żurrieq iżda fl-1581 fil-gżejjer tagħna beda jintuża t-titlu tal-Kunċizzjoni, u dan meta f'dik is-sena, twaqqfet fratellanza f'ġieh dan it-titlu Marjan

fil-Parroċċa ta' Bormla. Fi żmien qasir, l-artali li kienu ddedikati lill-Madonna ts-Sokkors bdew jiġu magħrufa bħala tal-kunċizzjoni.

It-titlu "Tas-Sokkors" kien il-frott ta' qima li bdiet għall-ħabta ta' l-1480 f'San Cassiano fl-arċidjoċesi ta' Lucca fl-Italja meta missier, f'rabja għal ibnu, sejjaħ lix-xitan biex jiġi jieħdu, u minnufih deheret il-Madonna b'ħatar f'idejha tkeċċi lix-xitan. Din kienet devozzjoni qawwija ħafna ma' l-Italja kollha u f'Malta għad baqalna tifkira ta' din id-devozzjoni permezz ta' kwadru li sar għall-ħabta ta' l-1496 minn Salvo d'Antonio u li fih naraw impittra din il-ġrajja. Din il-pittura tinsab fil-mużew tal-Katidral fil-waqt li fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Bormla hemm kopja tagħha.

Minkejja iżda li t-titlu tal-Madonna tas-Sokkors tilef mill-importanza li kellu f'dokumenti qodma, insibu li ż-żewġ titli miktuba flimkien *Sanctae Maria Conceptionis Del Succursu*. Hekk kienet magħrufa fl-1602, il-parroċċa ta' Bormla, l-eqdem parroċċa f'dawn il-gżejjer ddedikata lil Marija Immakulata. Fis-sekli sbatax u tmintax, din id-devozzjoni daħlet f'bosta nħawi tad-dinja u fejn kienet diġa' teżisti din kompliet tissaħħaħ. Hekk ġara fil-gejjer tagħna. Fl-1646 numru ta' devoti ta' Marija Immakulata ingħaqdu f'konfraternita' fil-belt ta' Bormla u ftit wara twaqqfu tlett fratellanzi oħra fl-Isla, fil-Birgu u




**MERLIN LIBRARY LTD.**

**Mountbatten Street, Blata l-Bajda**
**Tel: 21 234438 - Tel: 21 221205**

f'Ħal Tarxien. Fis-seklu ta' wara, twaqqfu aktar fratellanzi fir-Rabat, fl-Imqabba u f'Ħaż-Żebbuġ. Din id-devozzjoni qadima f'ġieh Marija Immakulata, ġiet ikkonfermata mill-Knisja fit-8 ta' Diċembru ta' l-1854 meta l-Papa Piju disgħa pproklamah bħala Domma ta' Fidi li tabilħaqq il-Madonna tnisslet mingħajr id-dnub oriġinali. Kien jum kbir fl-istorja tal-Knisja. L-ordnijiet reliġjużi kellhom sehem kbir u mportanti fit-tixrid ta' din il-qima. Fil-gżejjer tagħna, ir-reliġjużi Maltin u barranin, ħadmu bl-istess eżempju ta' sħabhom imxerrda ma' bosta nħawi tad-dinja u xettlu u kabbru fostna l-qima lejn Marija Immakulata.

Waħda mill-eqdem knejjes tr-reliġjużi ta' dawn il-gżejjer, hija dik tal-Franġiskani Konventwali fir-Rabat fejn minn dejjem kien imwaqqaf artal f'ġieh il-Kunċizzjoni. Kien artal devot ħafna, tant li fl-1627 Imperia Xerri ħalliet legat ta' quddies biex jiġi ċċelebrat fuqu kull ġimgħa. F'din il-knisja nsibu wkoll statwa ta' l-injam tal-Kunċizzjoni li jingħad li ġiet mogħtija mill-Patrijiet ta' Palermo. Kienet statwa li kompliet tkabbar din id-devozzjoni f'din il-knisja. Mill-1815, din l-istatwa bdiet toħroġ purċissjoni madwar it-toroq tar-Rabat kif għadha toħroġ kull sena f'wieħed mill-Ħdud t'Ottubru fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tas-Saħħa. Marbuta mal-knisja ta' l-istess patrijiet tar-Rabat t'Għawdex insibu wkoll il-fratellanza tal-Kunċizzjoni li din twaqqfet fid-29 ta' Jannar 1663 u sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha kienet responsabbli tal-festa tal-kunċizzjoni li ssir fl-istess knisja.

Fratellanza oħra tal-Kunċizzjoni twaqqfet fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta fl-1637. Din il-fratellanza kienet tiġbor fiha bosta nies magħrufa tas-soċjetà u minn dejjem kienet attiva ħafna. Maż-żmien bniet ukoll oratorju marbut ma' din il-knisja u li għadu jintuża sal-lum.

Il-Franġiskani Minuri taw sehem kbir fit-tixrid ta' din il-qima Marjana fil-gżejjer tagħna u mill-1504 fil-knisja tar-Rabat twaqqfet statwa ta' l-irħam xogħol ta' Antonello Gaġini. Maż-żmien, ma' din l-istatwa intrabtet devozzjoni kbira u kull nhar ta' Sibt il-patrijiet kienu jinġabru quddiemha biex ikantaw litanija. L-istess kienu jagħmlu l-patrijiet tal-belt quddiem ix-xbieha li kellhom f'dik il-knisja.

Il-patrijiet kapuċċini komplew kabbru fostna wkoll il-qima lejn Marija Immakulata, kemm hu hekk meta nbniet il-knisja ta' Santa Liberata tal-Kalkara wieħed mill-ewlenin artali kien iddedikat lill-Kunċizzjoni u fl-1744 dan l-artal ġie mżejjen b'pittura mogħtija minn Domenico Xara.

*Jitkompla f'ħarġa oħra tal-Fuljett Parrokkjali.*